



2023/2217

18.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2217

tas-16 ta' Ottubru 2023

li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 901/2007 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġett fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 901/2007 (²), kif emendat mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 (³), prodott li jikkonsisti f'weraq maqtugħa (f'tulijiet ta' bejn 2 u 5 mm), iffermentati u mnixxa u truf tal-pjanta rooibos (*Aspalathus linearis*), magħrufa wkoll bħala "L-Arbuxella Ħamra", użat għat-tħejjija ta' infużjonijiet, kien ikklassifikat taħt il-kodiċi 1212 99 95 tan-Nomenklatura Magħquda (NM) annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (⁴), bħala "prodotti tal-ħaxix oħrajn li jintużaw l-aktar għall-konsum mill-bniedem, mhux spċificati jew inklużi banda oħra". Il-prodott ġie eskuż mill-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1211 peress li l-prodott ma jintużax l-aktar għall-iskopijiet imsemmijin fit-test ta' dik l-intestatura ("...li jintużaw l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċċa jew bħala insettiċidi, fungiċċi jew għal finijiet simili"). Konsegwentement, bis-saħħa tar-regola ġenerali 1 għall-interpretazzjoni tan-NM, il-prodott ġie kklassifikat taħt l-intestatura 1212.
- (2) Matul l-71 sessjoni tiegħi f'Marzu 2023, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata (Kumitat tas-SA) tal-Organizzazzjoni Dinjja Doganali approva l-opinjoni ta' klassifikazzjoni 1211.90/1 li tikklassifika t-“tè rooibos”, magħmul mill-weraq imnixxfin tal-buxx rooibos (*Aspalathus linearis*) użati biex isiru infużjonijiet erbali. Dak il-prodott ġie kklassifikat taħt l-intestatura tas-SA 1211 peress li tqies li l-pjanta tar-rooibos hija tat-tip użat primarjament fil-farmaċċa jew għal skopijiet simili li jibqgħu kklassifikati f'din l-intestatura wkoll meta jiġu ppreżentati, pereżempju, f'boroż żgħar, biex isiru infużjonijiet erbali jew “tejjet” erbali. Konsegwentement, it-“tè rooibos” ġie kklassifikat taħt is-subintestatura tas-SA 1211 90, li tikkorrispondi għall-kodiċi NM 1211 90 86, bl-applikazzjoni tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tas-SA.
- (3) Minħabba l-karatteristiċi identiċi jew simili ħafna tat-“tè rooibos” mal-prodott deskrirt fir-Regolament (KE) Nru 901/2007, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodott, kif stabbilita fl-Anness ta' dak ir-Regolament, mhijiex f'konformità mal-opinjoni ta' klassifikazzjoni tal-Kumitat tas-SA 1211.90/1.
- (4) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE (⁵), l-Unjoni hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti. L-opinjoni jiet ta' klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat tas-SA tal-Organizzazzjoni Dinjja Doganali huma strumenti ta' gwida għall-miżuri tariffarji tal-Unjoni.
- (5) Bl-għan li tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tas-Sistema Armonizzata fil-livell internazzjonali u meta jitqies li l-opinjoni ta' klassifikazzjoni 1211.90/1 hija konformi mal-kiem tal-intestatura tas-SA 1211 u tas-subintestatura tas-SA 1211 90, jeħtieġ li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 901/2007.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

(¹) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 901/2007 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 31).

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013 li jemenda jew iħassar ġertu regolamenti dwar il-klassifikazzjoni tal-ġġedda fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 130, 15.5.2013, p. 1)

(⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tas-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

(⁵) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 901/2007 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kummissjoni
Fissem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*
